

# Programm t'Attivitajiet

## 2012 - 2013

Organizzati miċ-Ċentru Spiritwalita' Injazjana bejn Settembru 2012 u Lulju 2013

CIS

# *Programm 2012/13*

| | |
|---|---|
| ***Settembru*** | |
| **28-30** | Irtir bl-Ikoni |
| ***Ottubru*** | |
| **5-7** | Seminar: "Healing life's hurts" |
| **26 - 28** | "Weekend" għall-Miżżewġin |
| ***Novembru*** | |
| **9-11** | "Weekend": L-Ewkaristija |
| **16-18** | Irtir/Seminar L-Aħbar it-Tajba skont San Luqa |
| ***Diċembru*** | |
| **7-9** | Irtir ta' tħejjija għall-Milied |
| ***Jannar*** | |
| **18-20** | Metodi differenti ta' talb skont S. Injazju ta' Loyola |
| ***Frar*** | |
| **8-10** | "Weekend" għall-familji bit-tfal |
| **19-21** | Irtir għas-saċerdoti |
| ***Marzu*** | |
| **1-3** | Irtir ta' tħejjija għall-Għid |
| **7-10** | Irtir għall-Professjonisti bil-Malti |
| **8-10** | Irtir ta' Talb Akkumpanjat għaż-żgħażagħ |
| **15-17** | "Weekend" għall-familji bit-tfal |
| **15-17** | Irtir għall-koppji miżżewġa professjonisti |
| **22-26** | Irtir bit-Taljan għall-Professjonisti |
| ***April*** | |
| **5-7** | Irtir/seminar: L-ewwel komunitajiet insara |
| **19-21** | Il-Personalita' tiegħi u kif nitlob |
| ***Mejju*** | |
| **3-5** | Workshop dwar id-Dixxerniment Spiritwali |
| **10-12** | Irtir għall-familji bit-tfal |
| **10-12** | "Workshop" dwar id-Dixxerniment skont il-Padri tad-Deżert. |
| **17-19** | Irtir/seminar dwar l-Etika Professjonali |
| **24-26** | Irtir fil-Kampanja |
| ***Lulju*** | |
| **7-15** | Irtir akkumpanjat ta' 8 ijiem |



# *"Ħa nagħmlu l-bniedem fuq is-sura u x-xbieha tagħna"* *(Ġen. 1,26)*

***Irtir bl-Ikoni:***
***L-ikona tfakkarna li aħna xbieha ta' Alla***

Kull bniedem huwa maħluq fuq xbieha ta' Alla. Hekk naqraw fil-ktieb tal-Ġenesi...
F'dan l-irtir ser naraw kif meta jiena nieqaf nitlob quddiem l-ikona, din ix-xbieha l-ewwel u qabel kollox tgħinni nidħol fija nnifsi biex nintebaħ li l-vera xbieha ta' Alla ħajja huwa jien. L-ikona mhix hemm biex inżejjen id-dar biha, iżda biex tkun għalija mezz biex permezz tagħha nidħol f'relazzjoni ma' Alla l-Ħallieq tiegħi.

**Dati:** Mill-Ġimgħa, 28 ta' Settembru p.m. sal-Ħadd, 30 ta' Settembru, 2012
**Imexxi:** Fr. Gerard Buhagiar
**Post:** Dar Manresa, Victoria, Għawdex.

# *"Jekk trid tista' tnaddafni!"* *(Mk.1,40)*

***Seminar: "Healing life's hurts"***

"Mulej ara, ħabibek marid." (Ġw.11,3). Kollha kemm aħna nġorru ġewwa fina xi weġgħat kawżati minn esperjenzi tal-passat. Ħafna drabi forsi ppruvajna b'diversi modi, imma baqgħu feriti miftuħa, anke jekk forsi għaddew diversi snin minn meta ġraw. Fis-seminar jingħataw għajnuniet biex wieħed jagħraf dak li għadu jikkondizzjonah u ma jħallihx hekk ħieles li jħobb liktar lil Alla u lill-oħrajn. Flimkien ma xi eżerċizzi jkun hemm mumenti ta' talb għall-fejqan. Dan is-seminar se jilqa' numru limitat ta' partecipanti u se jkun miftuħ esklussivament għar-Reliġjużi u Persuni Kkonsagrati.



**Dati:** Mill-Ġimgħa, 5 ta' Ottubru p.m. sal-Ħadd, 7 ta' Ottubru, 2012 p.m.

**Imexxu:** Fr. Alex Refalo, STL Dip.ScEd u Sr. Magdalene Cauchi, USAM.

**Post:** Dar Manresa, Victoria, Għawdex.

*"Mhux tajjeb li l-bniedem ikun waħdu; ħa nagħmillu għajnuna li taqbel miegħu."* *(Ġen.2,18)*

***"Weekend" għall-Miżżewġin.***

Dan il-"*weekend"* huwa okkażjoni għall-koppji miżżewġin biex iġeddu u jiċċelebraw il-wegħdiet taż-żwieġ tagħhom u jiskopru dejjem aktar l-imħabba li Alla għandu għalihom u l-familji tagħhom. Il-"Weekend" huwa mfassal b'mod kreattiv fejn ir-raġel u l-mara jkollhom okkażjoni jirriflettu flimkien. Ikun hemm ukoll ħin ta' *sharing* fi grupp magħmul minn 8 koppji.

**Dati:** Mill-Ġimgħa, 26 ta' Ottubru p.m sal-Ħadd, 28 ta'Ottubru, 2012
**Imexxu:** Carmen u Karm Conti u Fr. Vince Magri, SJ
**Post:** Dar Manresa, Victoria, Għawdex.



# L-Ewkaristija:
# “Għajn u Għan tal-Ħajja Nisranija.”

Nitolbu l-Ewkaristija u nirriflettu fuqha.  X’inhi?  Tifkira, Ċelebrazzjoni u Wegħda. Tibni l-Knisja.

Tifsira ta’ kull parti tagħha:  il-miġemgħa, il-Kelma t’Alla, l-offerti, il-kliem ta’ Ġesu fl-Aħħar Ċena, It-Tqarbin.

Implikazzjonijiet soċjali u kif ngħixu l-Quddiesa fil-ħajja ta’ kuljum.



**Dati:** Mill-Ġimgħa, 9 ta’ Novembru p.m. sal-Ħadd, 11 ta’ Novembru, 2012

**Imexxi:** Fr. Victor Jaccarini, SJ

**Post:** Mount St. Joseph Retreat House, Tarġa Gap, Mosta.

# *L-Aħbar it-Tajba skont San Luqa*

Fis-sena liturġika li jmiss (Sena Ċ) fil-ġimgħat ta' "Matul is-Sena" se naqraw, biċċa biċċa, il-Vanġelu ta' San Luqa. Min kien dan l-evanġelista? Lil min kiteb il-vanġelu tiegħu? Kif kien iħares lejn Ġesu'? Biex napprezzaw aktar dan il-vanġelu jeħtieġ naħsbu fuq dawn il-mistoqsijiet u oħrajn.

Matul dan l-irtir/seminar se nirriflettu, niffamiljarizzaw ruħna u nitolbu fuq dan il-vanġelu biex inħejju ruħna għall-laqgħa tagħna fil-quddies ta' kuljum ma' Ġesu' kif jippreżentahulna San Luqa.

**Dati:** Mill-Ġimgħa, 16 ta' Novembru p.m. sal-Ħadd,<br>18 ta' Novembru, 2012 p.m.<br>
**Imexxi:** Fr. Alfred Micallef, SJ<br>
**Post:** Dar Manresa, Victoria, Għawdex.







# "Wittu t-triq tal-Mulej" (Ġw.1,23)

***Irtir ta' tħejjija għall-Milied***

Iż-żmien tal-Avvent huwa żmien privileġġjat, żmien ta' grazzja li l-Knisja toffrilna, u tistedinna nieqfu ftit biex nirriflettu fuq l-akbar ġrajja tal-ħajja tagħna bħala ulied Alla: il-ġrajja tal-Inkarnazzjoni. Kif se nħejji ruħi biex nibdel din il-ġrajja minn sempliċi tifkira għall-realta' ta' grazzja.

**Dati:** Mill-Ġimgħa, 7 ta' Diċembru p.m. sal-Ħadd, 9 ta' Diċembru 2012

**Imexxi:** Fr. Godwin Preca, SJ

**Post:** Dar Manresa, Victoria, Għawdex.



*"Ruħi bil-għatx għalik, Mulej, għalik imxennqa jiena"* (Salm 63,2)

***Metodi differenti ta' talb skont S. Injazju ta' Loyola***

Matul l-esperjenza tal-Eżercizzi Spiritwali, S. Injazju joffrielna diversi modi ta' talb biex jgħinu lil kull wieħed isib l-aħjar mod kif jista' jidħol f'relazzjoni ma' Alla permezz tat-talb – modi li wieħed iħaddan f'mumenti differenti u skont iċ-ċirkustanzi.

**Dati:** Mill-Ġimgħa, 18 ta' Jannar p.m. sal-Ħadd, 20 ta' Jannar, 2013 p.m.
**Imexxu:** Fr. Ant. Cilia, Ms. Ros. Scicluna, Ms. Mary Xuereb u Ms. Giov. Tabone.
**Post:** Dar Manresa, Victoria, Għawdex.

# Il-Familja – Possibbli tibniha soda fid-dinja tal-lum?

***"Weekend" għall-familji bit-tfal. -*** Tisma' ħafna diskussjoni u argumenti fuq il-familja. Work-Life Balance, żwieġ ta' persuni tal-istess sess, divorzju, separazzjoni, sagrament, flus, fedelta', tfal... Elf idea u elf sfida: X'inhi l-verita'? Kif nista' nibni l-familja tiegħi fuq valuri sodi? X'nista' nagħmel? Kif jidħol Alla f'din l-istorja kollha? F'dan il-'weekend' ikollna ċans nitkellmu u naqsmu l-esperjenzi tagħna dwar dan kollu. Fuq kollox, mument fejn ngħixu flimkien bħala familja tal-familji. Dan il-"weekend" ta' ħbiberija u ta' 'Filmclips', attivitajiet, ħruġ fil-kampanja, talb, riflessjoni, diskussjoni fi ħdan il-koppja. Attivitajiet għat-tfal li jkollhom programm tagħhom u min jieħu ħsiebhom waqt li l-kbar ikunu fil-laqgħat tagħhom.

**Dati:** Mill-Ġimgħa, 8 ta' Frar p.m. sal-Ħadd, 10 ta' Frar, p.m.
**Imexxi:** Fr. Paul Chetcuti, SJ, flimkien ma' koppja miżżewġa.
**Post:** Dar Manresa, Victoria, Għawdex.



*“Ejjew intom weħidkom fi mkien imwarrab u strieħu ftit”* *(Mk.6,30)*

***Irtir għas-saċerdoti*** - F’dan iż-żmien ta’ tħejjija għat-tifkira tal-Passjoni, il-Mewt u l-Qawmien ta’ Kristu, nistiednu lis-saċerdoti jieqfu ftit mill-attivitajiet tagħhom u għal tlett ijiem jinġabru għal mument ta’ riflessjoni, talb u intimita’ mal-Mulej.

*Rev P. Martin Micallef, OFM Cap., huwa studjuż tal-Iskrittura Mqaddsa speċjalment it-Testment il-Ġdid, Kap tad-Dipartiment tal-Ebrajk, tal-Grieg u tal-Iskrittura Mqaddsa, ‘full time lecturer’ fil-Fakulta’ tat-Teoloġija fl-Universita’ ta’ Malta, u editur tal-‘Melita Theologica’. Fr. Micallef huwa wkoll l-awtur ta’ diversi kotba.*

**Dati:** Mit-Tlieta, 19 ta’ Frar, 2013 fid-9.00 a.m.
sa nofs in-nhar tal-Ħamis, 21 ta’ Frar, 2013
**Imexxi:** Fr. Martin Micallef, OFM Cap.
**Post:** Dar Manresa, Victoria, Għawdex.



# *Nakkumpanjaw lill-Mulej fi triqtu lejn il-qawmien*

***Irtir ta' tħejjija għall-Għid***

Liema kienet il-konvinzjoni interna li wasslet lill-Mulej Ġesu' jagħti ħajtu u jerġa' jeħodha lura? (Ġw.10, 17-18; Lq.9,51) Nitolbu lill-Ispirtu s-Santu, li jgħammar fina (Ġw.20,23), inissel ġewwa fina l-istess sentimenti u konvinzjoni ta' Ġesu'.

**Dati:** Mill-Ġimgħa, 1 ta' Marzu p.m. sal-Ħadd, 3 ta'Marzu
**Imexxi:** Fr. Victor Degabriele, SJ u Ms. Mary Xuereb
**Post:** Dar Manresa, Victoria, Għawdex.



# "Mhux bil-ħobż biss jgħix il-bniedem" (Lq.4,4)

***Irtir għall-Professjonisti bil-Malti***

*"Matul din is-Sena tal-Fidi huwa importanti ħafna li nerġgħu ngħaddu mit-triq tal-Fidi tagħna, li fiha nsibu l-misteru kbir tan-nisġa bejn il-qdusija u d-dnub."*

**(Benedettu XVI, 11.10.11)**



Ejja għall-irtir u fittex u itlob kif tista'. Int personalment tkabbar il-qdusija tiegħek u tnaqqas id-dnub li jtellfek fil-mixja tal-qdusija tiegħek, ta' ħutek fil-familja u tal-proxxmu. Ejja u ssib il-Mulej jgħinek.

**Dati:** Mill-Ħamis, 7 ta' Marzu sal-Ħadd, 10 ta' Marzu, 2013

**Imexxi:** Fr. Paul Deguara, SJ

**Post:** Dar Manresa, Victoria, Għawdex.

# *"Be still and know that I am God"* Ps. 46

***Irtir ta' Talb Akkumpanjat għaż-żgħażagħ***

Nistiednu liż-żgħażagħ li jixtiequ jieqfu ftit mill-ħajja mgħaġġla ta' kuljum u jieħdu sehem f'dan l-irtir ta' "weekend" ta' talb akkumpanjat fis-silenzju.  Kull parteċipant ikollu Direttur Spiritwali  biex imexxih fit-talb personali tiegħu. Qabel il-"weekend", kull parteċipant tintbagħatlu lista ta' diretturi spiritwali biex ikun jista'  jagħżel hu lil min ikun jixtieq imexxih.

**Dati:** Mill-Ġimgħa, 8 ta' Marzu fis-6.00 p.m. sal-Ħadd, 10 ta' Marzu, 2013
**Post:** Dar Porziuncola,  Baħar  iċ-Ċagħaq.

*Kull min hu interessat li jieħu sehem, għandu jċempel fuq in-numru  79 827 742  jew jikteb lil inygo@jesuit.org.mt*



# *All Aboard!*

***"Weekend" għall-familji bit-tfal taħt l-għaxar snin (it-tfal jattendu wkoll)***

Fi ħdan il-koppja t-tfal jeħtieġu ħafna enerġija u attenzjoni. It-trobbija tat-tfal mhux biss li titmagħhom u tlibbishom, iżda aktar importanti kif ser ngħaddulhom il-valuri nsara li aħna trabbejna fihom. Kif ser ngħinuhom jiskopru min Hu Kristu? F'dinja fejn aħna ninsabu taħt ħafna pressjoni, bejn xogħol, sport u mogħdija ta' żmien ieħor u r-responsabiltajiet l-oħra, fejn hu post il-fidi għalina bħala familja? Kif qegħdin ngħixuha?

*Isiru żewġ "weekends", wieħed għall-ġenituri u l-ieħor għat-tfal.*



**Dati:** Mill-Ġimgħa, 15 ta' Marzu p.m.
sal-Ħadd, 17 ta' Marzu, 2013 p.m.

**Imexxu:** Ms. Cristina Spiteri, B.A.
u Fr. Pierre Grech Marguerat, SJ

**Post:** Mt. St. Joseph Retreat House,
Tarġa Gap, Mosta.

*"Kunu dejjem lesti biex tagħtu tweġiba lil kull min jitlobkom il-għala tat-tama li għandkom"*

*(1Piet.3.15)*

***Irtir għall-koppji miżżewġa professjonisti***

Qed inġarrbu direttament li Malta qed tinbidel. Il-Fidi nisranija għandha sfidi kbar. Ġesu' darba staqsa: *"Taħsbu inthom li Bin il-bniedem se jsib il-fidi fuq l-art meta jiġi?"* (Lk.18.8)

Fuq hiex nibbażaw it-tama tagħna li l-Fidi Nisranija tissaħħaħ bl-isfidi li qed tiffaċċa?

**Dati:** Mill-Ġimgħa, 15 ta' Marzu p.m. sal-Ħadd, 17 ta' Marzu, 2013 p.m.
**Imexxi:** Fr. Robert Soler, SJ
**Post:** Dar Manresa, Victoria, Għawdex.



# *Irtir bit-Taljan għall-Professjonisti*

Dan l-irtir għall-professjonisti issa għandu tradizzjoni twila. Matul dawn il-ħamest ijiem il-professjonisti jkollhom l-okkażjoni li jirriflettu u jitolbu dwar il-ħajja tagħhom u jġeddu l-impenn nisrani tagħhom. Din l-esperjenza hija msejsa fuq l-Eżercizzi Spiritwali ta' Sant Injazju u l-Iskrittura Mqaddsa.

*Padre Beniamino Guidotti, SJ għamel żmien bħala s-soċju tal-Majjistru tan-Novizzi f'Ġenova, l-Assistent Ekklesjastiku tal-Komunitajiet ta' Ħajja Nisranija u għandu esperjenza kbira fit-tmexxija tal-Eżercizzi Spiritwali u fid-Direzzjoni Spiritwali.*



**Dati:** Mill-Ġimgħa, 22 ta' Marzu p.m. sa nofs in-nhar tat-Tlieta, 26 ta' Marzu, 2013

**Imexxi:** Padre Beniamino Guidotti, SJ

**Post:** Dar Manresa, Victoria, Għawdex.

*Irtir/seminar:*
***L-ewwel komunitajiet insara: mis-sena 90 AD sas-sena 150 AD***

# *"Dawk kollha li kien jemmnu kienu ħaġa waħda"* (Atti 2,44)

Wara l-mewt tal-Appostli, (l-aktar wara l-mewt ta' San Ġwann madwar is-sena 90 AD) l-insara sabu ruħhom weħedhom. Dawk li kienu jafu lil Kristu jew semgħu bid-diskorsi tiegħu kienu kollha mietu. Issa kien hemm id-dixxipli tagħhom li kellhom jieħdu fuq spallejhom id-direzzjoni tal-komunitajiet insara: jiġifieri mhux biss it-tagħlim tal-Fidi iżda wkoll l-organizzazzjoni ta' dawn il-komunitajiet.

*F'dan il-weekend se naqraw u nistudjaw żewġ ittri li kiteb Injazju, l-Isqof ta' Antjokja li ġie wara San Pietru, lill-insara ta' Ruma u lil dawk ta' Tralles. Dawn l-ittri jagħtuna idea ta' kif il-Knisja, f'kull djoċesi, bdiet tiġi organizzata: it-tlett gradi li huma l-Isqof, il-presbiteru u d-djaknu u l-poplu ta' Alla. Injazju jinsisti fuq l-għaqda tal-fidili bejnithom u mal-kleru; kif ukoll iwissihom kontra kull ma jista' jġib il-firda bejn il-fidili ta' Kristu. Se nuża il-ktieb: "The Apostolic Fathers in English" ta' Michael W. Holmes. Tistgħu iġġibu dan il-ktieb min għand The Book Depository.com (www.bookdepository.co.uk) għall-prezz ta' €20.09.*

**Dati:** Mill-Ġimgħa, 5 ta' April p.m. sal-Ħadd, 7 ta' April, 2013 p.m.
**Imexxi:** Fr. Joe Buhagiar Bianco, SJ
**Post:** Mount St. Joseph, Tarġa Gap, Mosta.



# *Hekk Magħjun! Il-Personalita' tiegħi u kif nitlob*

Aħna differenti minn xulxin u din ħaġa tajba u sabiħa. Meta niġu għat-talb – u wkoll għar-relazzjonijiet tagħna ma' xulxin għax it-talb mhux ħlief relazzjoni ma' Alla - aħna nitolbu u nirrelataw skont ma' aħna, skont il-personalita' tagħna. Għalhekk hemm forom ta' talb li lilna jiġuna iktar naturali mill-oħrajn meta nitolbu, imma mhux dejjem nintebħu li t-talb li tgħallimna, għalkemm tajjeb, jista' ma jaqbilx ħafna magħna. Biex nitolbu aħjar jeħtieġilna nqabblu t-Talb u l-Ispiritwalita' tagħna mal-personalita' tagħna. L-għan ta' dan is-seminar hu proprju li jgħinna nagħmlu dan. Meta nifhmu l-personalita' tagħna u forsi xi ftit aktar ta' dawk li b'xi mod naqsmu ħajjitna magħhom, inkunu anke nistgħu nirrelataw mal-oħrajn, b'mod li jħalli, kemm lilhom kif ukoll lilna, aktar soddisfatti.



**Dati:** Mill-Ġimgħa, 19 ta' April p.m.
sal-Ħadd, 21 ta' April, 2013 p.m.
**Imexxi:** Fr. Alfred Micallef, SJ
**Post:** Dar Manresa, Rabat, Għawdex.

# *F'Salib it-Toroq?*

***Workshop dwar: Id-Dixxerniment Spiritwali***

Jiġu mumenti meta jkollna nieħdu deċiżjonijiet importanti, bħalma huma : għażla tax-xogħol jew professjoni; jew stat ta' ħajja. Dawn id-deċiżjonijiet jinvolvu żmien ta' riflessjoni u proċess ta' dixxerniment.

L-għan tal-"workshop" hu li jfisser: X'inhu dixxerniment? Kif isir? X'inhuma l-kriterji u l-kundizzjonijiet għal dixxerniment tajjeb? Kif inkun naf Alla x'irid minni? Barra mill-informazzjoni fuq is-suġġett ikun hemm ukoll taħriġ prattiku.

**Dati:** Mill-Ġimgħa, 3 ta' Mejju p.m.
sal-Ħadd, 5 ta' Mejju, 2013, p.m.
**Imexxu:** Fr. Reno Grech, SJ u Ms. Mary Xuereb, M.A.
**Post:** Dar Manresa, Rabat, Għawdex.



*"Missier qaddis, ħarishom f'ismek …*
*… biex ikunu ħaġa waħda bħalna"* *(Ġw.17,11)*

***Irtir għall-familji bit-tfal***

Billi l-ħajja ta' ħafna miżżewġin saret ġirja waħda, tajjeb nieqfu ftit flimkien biex naraw kif nistgħu ntejbu r-relazzjoni ta' bejnietna. Mela ejja ddiskuti u strieħ mal-"partner" tiegħek. Fl-istess ħin nitgħallmu mill-esperjenzi ta' xulxin.

**Dati:** Mill-Ġimgħa, 10 ta' Mejju p.m. sal-Ħadd, 12 ta' Mejju, 2013, p.m.
**Imexxi:** Fr. Godwin Preca, SJ
**Post:** Dar Manresa, Victoria, Għawdex.



# *Ġwann Kassjanu: "Fuq id-Dixxerniment"*

***"Workshop" dwar id-Dixxerniment skont il-Padri tad-Deżert***

Ġwann Kassjanu twieled fis-sena 365 f'dik li llum tissejjaħ ir-Rumanija u għalhekk kien jitkellem il-Griek u l-Latin. Meta kiber, ħass li għandu jkun raħeb u telaq lejn il-Palestina u daħal fil-kunvent ta' Bethleħem. Ftit wara telaq minn hemm mal-ħabib tiegħu Germanus u marru jżuru l-ħrieb li kienu fis-Sirja u fl-Eġittu fejn iltaqgħu ma' raħeb magħruf ħafna jismu Evagrius. Hemm sema' ħafna konferenzi fuq kif għandu jgħix ir-raħeb. Matul dan il-"workshop" se naqraw u nistudjaw it-tieni konferenza li jisimha "Fuq id-Dixxerniment" .

Se nuża l-ktieb: "John Cassian: Conferences" (Classics of Western Spirituality).
Tistgħu iġġibu dan il-ktieb minn għand "The Book Depository.com
(www.bookdepository.co.uk) u jiswa €18.21



**Dati:** Mill-Ġimgħa, 10 ta' Mejju p.m. sal-Ħadd, 12 ta' Mejju
**Imexxi:** Fr. Joe Buhagiar Bianco, SJ
**Post:** Mount St. Joseph, Tarġa Gap, Mosta.

# *L-Etika Professjonali:*
# *Irtir/seminar dwar l-Etika Professjonali*

***Għal dawk fil-'caring professions' (i.e. Tobba, nurses, social workers, għalliema, eċċ.)***

Qegħdin ngħixu f'dinja dejjem aktar pluralista, fejn il-professjonijiet żviluppaw kodiċijiet ta' etika li jirregolaw kif iġibu rwieħhom. Nisimgħu li ma għandniex nimponu l-valuri tagħna, imma dan spiss narawh li mhuwiex biżżejjed.

*Matul dan il-"weekend" ser nirriflettu fuq dawn il-mistoqsijiet bażiċi fid-dawl tal-esperjenza tagħna. Fuq kollox, il-professjonist Nisrani kif għandu jġib ruħu quddiem nies ta' valuri u għażliet differenti minn tiegħu? X'nistgħu nitgħallmu meta nħarsu lejn Ġesu' li narawh igħin lil dawk li kien jiltaqa' magħhom, kienu min kienu?*



Dati: Mill-Ġimgħa, 17 ta' Mejju p.m. sal-Ħadd, 19 ta' Mejju, 2013, p.m.

Imexxi: Fr. Paul Pace, SJ

Post: Dar Manresa, Victoria, Għawdex.

*"Ejjew miegħi …*
*f'xi post imwarrab, u strieħu ftit"* (Mk.6,30)

***Irtir  fil-Kampanja***

Barra fil-kampanja, 'l bogħod mill-istorbju ta' madwarna, f'xi kappella ċkejkna, fil-kampanja sabiħa tal-gżira ta' Għawdex, ninġabru biex nisimgħu il-Kelma ta' Alla u nħalluh ikellimna. Ikollna mumenti ta' skiet, ta' talb u ta' qsim tal-esperjenzi flimkien.

**Dati:** Mill-Ġimgħa, 24 ta' Mejju p.m.
sal-Ħadd, 26 ta' Mejju, 2013

**Imexxi:** Dr.  Edward  Warrington
u Ms. Clare Camilleri

**Post:** Dar  Manresa,  Victoria,
Għawdex.



# *Ejja ltaqa' ma' Alla fis-Skiet!*

***Irtir akkumpanjat ta' 8 ijiem***

Qatt ħassejt il-ħtieġa li tinqata' mill-ġenn ta' ħajja mgħaġġla? Iċ-Ċentru ta' Spiritwalita' Injazjana ser jorganizza rtir akkumpanjat fis-silenzju ta' tmint ijiem.

*Kull parteċipant f'dan l-irtir ser ikollu Direttur Spiritwali biex imexxih fit-talb tiegħu personali. Kull parteċipant tintbagħatlu lista ta' diretturi spiritwali biex ikun jista' jagħżel hu lil min ikun jixtieq imexxih.*

**Dati:** Mill-Ħadd, 7 ta' Lulju
fis-6.00 p.m. sat-Tnejn,
15 ta' Lulju, 2013 p.m.

**Post:** Mount St. Joseph, Tarġa Gap,
Mosta.



# *Servizzi oħra offruti*
# *miċ-Ċentru ta' Spiritwalita' Injazjana*

***1. Individually Guided Retreats in English, French, Italian, Spanish and Maltese.***

On request, persons wishing to do the Spiritual Exercises in English, French, Italian and Maltese are most welcome.
We can offer the following Individually Guided Retreats throughout the year on request:

- Three, five or eight day retreats;
- The full 30 day Ignatian Spiritual Exercises;
- Besides the above, we also offer the opportunity for individuals and couples seeking calm and recollection to come and spend a few days with the Lord in our houses in an atmosphere of quiet and peace. Guidance will be provided on request.

**NOTA:** *Id-Djar ta' Manresa u ta' Mount St. Joseph joffru servizz ta' diretturi tal-irtiri, kemm għal dawk li jkunu jixtiequ jagħmlu rtir waħedhom, kif ukoll għall-gruppi.*

*Barra minn hekk id-Djar tal-Irtiri tagħna huma dejjem miftuħa biex jilqgħu lil dawk is-saċerdoti, reliġjużi u lajċi li jkunu jixtiequ jqattgħu xi ġurnata jew aktar ta' talb u ġabra waħidhom, speċjalment matul il-ġimgħa.*

## *2. l-“Parish Ignatian Ministry” (P.I.M.)*

Attivita’ oħra li l-membri taċ-ĊIS għandhom il-pjaċir jagħmlu huwa s-servizz mogħti mill-“Parish Ignatian Ministry” (PIM). Gruppi ta’ lajċi ffurmati fl-ispiritwalita’ injazjana lesti jmorru bħala grupp fil-parroċċi tagħna biex jiltaqgħu ma individwi li jixtiequ jitgħallmu jitolbu bil-Bibbja skond il-metodu ta’ Sant Injazju. Dan jagħmluh f’forma ta’ laqgħat mifruxin fuq ħmistax-il ġurnata fejn kull parteċipant ikollu gwida personali biex tgħinu fit-taħriġ tat-talb tiegħu.

Dan is-servizz jingħata bi ftehim mal-kappillani tal-parroċċi tagħna f’Malta u Għawdex. S’issa kien hemm diversi parroċċi li rċevew dan is-servizz.

Min jixtieq jagħmel din l-esperjenza għandu jikkuntatja lil

**Malta:** Mr. Edward Tagliaferro
eatagliaferro@yahoo.co.uk Tel. 21807497 jew M. 79290914

**Għawdex:** Fr. Anthony Cilia, f’Dar Manresa
manresagozo@gmail.com Tel. 21556635

Ms. Rosalie Scicluna rosaline.scicluna@gov.mt

### *3. L-Appostolat tat-Talb*

L-Appostolat tat-talb joffri programm spiritwali għall-ħajja ta' kuljum.
Dan il-programm sempliċi ta' talb u servizz ikabbarna fl-intimita' mal-Qalb ta' Ġesu' sabiex nagħrfu l-ħidma ta' Alla fil-ġurnata tagħna u ningħaqdu mal-appostolat tal-Knisja mad-dinja kollha. Huwa indirizzat kemm għall-individwi u kemm għall-familji.

Għal aktar informazzjoni staqsi għal Fr. Ray Pace, SJ: fr.ray@attmalta.org

### *4. Direzzjoni Spiritwali*

Attakkati maż-żewġt idjar tal-irtiri hemm diversi patrijiet u lajċi ffurmati li huma disponibbli biex jagħtu direzzjoni spiritwali lil dawk li jixtiequ. Biżżejjed iċċemplu lid-diretturi tad-djar tal-irtiri.

### *5. Dixxerniment komunitarju għall-għaqdiet u gruppi*

Dan jgħinhom jagħrfu s-sinjali tal-preżenza ta' Alla fil-ħajja tagħhom flimkien.

- Jagħtihom taħriġ prattiku ta' kif ifasslu talb li jgħinhom jimxu 'l quddiem bħala grupp.
- Ifisser kif isir proċess ta' tfittxija flimkien tar-Rieda ta' Alla bl-għan li tittieħed xi deċiżjoni.

Dan is-servizz jingħata miċ-ĊIS kemm f'forma ta' workshop u kemm f'forma ta' Irtir komunitarju

*6. Kors ta' formazzjoni fl-Ispiritwalita', fl-għoti tal-Irtiri u fid-Direzzjoni Spiritwali*

**Iċ-Ċentru ta' Spiritwalita' Injazjana (ĊIS)** bil-kollaborazjoni tal-**Istitut ta' Formazzjoni Pastorali (PFI)** jorganizza Kors bil-Malti ta' tlett snin għall-Lajċi, Reliġjużi u Kleru li jixtiequ japprofondixxu l-ħajja spiritwali tagħhom u/jew jimpenjaw ruħhom fl-għoti u t-tmexxija ta' rtiri u ta' direzzjoni spiritwali.

Il-Kors, li jibda fl-ewwel ġimgħa ta' Settembru, ikun maqsum f'żewġ partijiet. L-ewwel sentejn jiffokaw fuq il-formazzjoni personali fil-ħajja spiritwali.

It-tielet sena tikkonċentra fuq 'modules', seminars u xogħol prattiku dwar id-direzzjoni spiritwali u l-għoti ta' rtiri, speċjalment l-Eżerċizzi Spiritwali injazjani.

Biex wieħed jgħaddi għat-tielet sena irid ikun temm l-ewwel parti b'suċċess u għadda mill-'assessement' tal-Bord.

Dan il-kors huwa wkoll akkreditat mill-'Malta Qualifications Council'.

**Il-kors li jmiss jibda f'Settembru 2015.**

All images licenced under: Creative Commons
(Source: Wikimedia Commons)
All paintings & sketches by/attributed to Artist: **Rembrandt Harmenszoon van Rijn** 1606 - 1669
(with the exception of the Russian icon
of the Transfiguration (1500)
on page 3 - Licence: Wikimedia Commons)

Communications Office - Maltese Jesuit Province 2012

*Għal aktar tagħrif dwar l-attivitajiet organizzati miċ-**Ċentru Spiritwalita' Injazjana** jew biex wieħed jieħu sehem f'xi waħda mill-attivitajiet imsemmija, għandu jikkuntattja lid-direttur tad-dar fejn se ssir l-attivita':*

**Mount St. Joseph Retreat House**
*Id-Direttur*: Fr. Lino Spiteri, SJ
Triq il-Missjunarji Maltin, Tarġa Gap,
Mosta MST 9072
MALTA
**Tel:** 2276 0201 **Fax:** 2141 2785
**E-mail:** info@mtsjoseph.org
www.mstjoseph.org

**Manresa Retreat House**
*Id-Direttur:* Fr. Anthony Cilia, SJ
Triq Santa Dminka
Victoria VCT 9037
GOZO – GĦAWDEX
**Tel:** 2155 6635
**E-mail:** manresagozo@gmail.com

CIS
Ċentru Spiritwalita' Injazjana

